## Ir-Referendum dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait għall-Parlament

Il-poplu Awstraljan ġej minn ħafna artijiet, jipprattika ħafna twemmin u jitkellem b'ħafna lingwi. Il-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait huma l-Ewwel Popli tal-Awstralja u ilhom jgħixu hawn għal aktar minn 65,000 sena. Imma l-Kostituzzjoni tal-Awstralja ma tirrikonoxxix l-istatus uniku tagħhom. Huwa għalhekk li aktar tard din is-sena, ser inkunu nistgħu nikkunsidraw bidla fil-Kostituzzjoni tagħna permezz ta' Referendum. L-Awstraljani kollha ser ikollhom iċ-ċans li jirrikonoxxu l-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait fil-Kostituzzjoni tagħna, permezz ta' Vuċi li ser tiżgura li jiġu mismugħin dwar affarijiet li jolqtu lilhom.

### X'inhi l-Istqarrija mill-Qalb ta' Uluru (the Uluru Statement from the Heart)?

F'Mejju 2017, aktar minn 250 persuna Aboriġini u mill-Gżejjer ta' Torres Strait ħarġu l-Istqarrija mill-Qalb ta' Uluru. Titlobna biex noħolqu futur aħjar għall-Awstralja kollha u biex ninkludu Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait fil-Kostituzzjoni Awstraljana.

### X'inhi l-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait?

Il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait hija mezz għall-popli Aboriġini u mill-Gżejjer ta' Torres Strait biex jiggwidaw lill-Gvern dwar liġijiet u politiki li jolqtu lilhom.

### X'inhu Referendum?

Referendum huwa meta l-votanti jiġu mitluba biex iwieġbu Iva jew Le għal mistoqsija jew mistoqsijiet. L-uniku mod biex tinbidel il-Kostituzzjoni tal-Awstralja hu permezz ta' Referendum.

### Min jista' jivvota f'Referendum?

Dawk il-persuni li huma reġistrati biex jivvutaw biss jistgħu jipparteċipaw f'Referendum. Il-votazzjoni f'Referendums hija obbligatorja għall-votanti reġistrati.

### Kif nivvota f'Referendum?

Referendums huma bħall-elezzjonijiet. Fil-jum tal-votazzjoni, tista' tmur f'post tal-votazzjoni u titfa' l-vot tiegħek f'karta tal-vot.

### Kif jiġi deċiż Referendum?

Biex jgħaddi Referendum, ikollu bżonn maġġoranza doppja. Dan ifisser maġġoranza ta' voti f'mill-inqas erba' stati u madwar l-Awstralja kollha.

### Meta ser isir ir-Referendum dwar il- Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait?

Ir-Referendum dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait ser issir aktar tard din is-sena.

### X'mistoqsija ser jistaqsi r-Referendum dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait?

"Liġi Proposta: biex tinbidel il-Kostituzzjoni biex tirrikonoxxi l-Ewwel Popli tal-Awstralja billi tistabbilixxi Vuċi tal-Aboriġini u dawk mill-Gżejjer ta' Torres Strait. Tapprova din il-bidla proposta?"

### Min ħoloq din l-iskeda ta' informazzjoni?

Din l-iskeda ta' informazzjoni inħolqot bi sforz konġunt ta' Life Without Barriers, Reconciliation Australia, SNAICC – National Voice for our children, Yes Alliance u Polaron Language Services. Din is-sħubija inħolqot biex tgħin biex tinħoloq informazzjoni aċċessibli dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

### Min fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?

The National Indigenous Australians Agency www.niaa.gov.au
SNAICC National Voice for our Children www.snaicc.org.au
Reconciliation Australia www.reconciliation.org.au
First Peoples Disability Network www.fpdn.org.au
Life Without Barriers www.lwb.org.au
Yes 23 www.yes23.com.au
Polaron www.polaron.com.au
Have Your Say www.haveyoursay.net